MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Numru 188/2003

**Il-Pulizija**
(Spettur Christopher Pullicino)
**vs**
**Brian Cilia**
**Anthony Grech**
**Robert Borg**
**Richmond Tong**
**Anton Agius**
**Rosario Zammit**

**(Fil-konfront ta' l-imputati Anthony Grech u Rosario Zammit biss)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija Anthony Grech ta' 20 sena bin George u Emmanuela nee' Grech, imwieled Pieta' fl-01 ta' Frar 1983 u joqghod 7, Alley 1, Triq De Rohan Zebbug u detentur tal-karta ta' l-identita

bin-numru 231583(M); u Rosario Zammit ta' 23 sena, bin Michael u Margaret nee' Cortis, imwieled Pieta' fit-12 ta' Dicembru 1978 u joqghod Flt 1, St. Anthony Flats Ttiq Amante Attard, Zebbug, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numr 27279(M).

Talli:-
Fil-konfront ta' Anthony Grech wahdu:-

1)- Mill-Bar tal-Golden Sands Hotel sitwata gewwa Ghajn Tuffieha, fil-lejl ta' bejn il-21 u t-22 t'April 2000, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom xorb alkoholiku, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bil-valur li jeccedi il-mitt lira Maltin izda mhux l-elf lira Maltin u dan sar ghad-dannu tad-dirigenti ta' l-istess lukanda.

2) Talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif wkoll barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew immexxiehom.

3) Talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli liema hsara hija aktar minn hamsin lira Maltin izda ma tiskorrix l-hames mitt lira Maltin ghad-dannu ta' dirigenti ta' l-istess lukanda.

Fil-konfront ta' Anthony Grech u Rosario Zammit flimkien:-

Talli:-
1) Minn gewwa l-'*Isplash and Fun Complex'* ta' Bahar ic-Caghaq, fil-lejl ta' bejn it-18 u 19 ta' Mejju 2002, ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom tlett '*Iguanas*' liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bil-valur li jeccedi il-mitt lira Maltin izda mhux l-elf lira Maltin u dan sar ghad-dannu tad-dirigenti ta' l-istess kumpless.

2) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif wkoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew immexxuhom.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.
Rat li l-akkuzati ma oggezzjonawx li l-kaz taghhom jigi ttrattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Rat li fis-seduta ta' llum l-akkuzati ammettew l-akkuzi migjuba kontrihom u tennew fil-prezenza ta' l-avukati taghhom wara li l-Qorti fissritilhom xi tfisser ammissjoni.

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u tal-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Issibhom hatja.

Rat l-artikoli 261, 263, 270, 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif wkoll l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ta' l-istess ligijiet.

Tiddeciedi li tapplika l-ahhar imsemmi artikolu.

Ghalhekk fil-waqt li ssib lill-akkuzati hatja tar-reati that l-artikoli 261, 263, 267, 270 u mhux hatja ta' ricettazzjoni, tilliberahom that il-provedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 b'dan li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin minn illum. Il-Qorti qed tfisser lill-hatja l-import ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------